DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Novembru 2014

dwar is-Sistema ta' Twissijiet Bikrija li għandha tintuża mill-uffiċjali awtorizzanti tal-Kummissjoni u tal-aġenziji eżekuttivi

(2014/792/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([1]), u partikolarment l-Artikolu 56(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 ([3]), u partikolarment l-Artikoli 7(6) u 11 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni, li hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u ta' kwalunkwe fondi oħra ġestiti mill-Unjoni b'kunsiderazzjoni dovuta tal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda stipulat fl-Artikoli 30 sa 33 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, hija obbligata li tiġġieled kontra l-frodi u kontra kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Sabiex tiżgura li l-uffiċjali awtorizzanti tal-Kummissjoni u tal-aġenziji eżekuttivi huma infurmati b'mod sħiħ dwar it-theddid għall-interess finanzjarju tal-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġu tistabbilxxti regoli interni flimkien mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2014) 2784 ([4]).

(2) Bil-għan li tiġi miġġielda l-frodi u jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni tuża l-Bażi tad-Dejta Ċentrali tal-Esklużjonijiet (CED) msemmija fl-Artikolu 108 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 1302/2008 tas-17 ta' Diċembru 2008 dwar il-bażi tad-dejta ċentrali tal-esklużjonijiet ([5]) u s-Sistema ta' Twissija Bikrija (EWS) tad-Deċiżjoni 2008/969/KE, Eurarom tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar is-Sistema ta' Twissija Bikrija għall-użu tal-uffiċjali awtorizzanti tal-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi ([6]). Soġġett għall-adozzjoni mill-awtorità leġiżlattiva tal-proposta dwar l-emenda tar-Regolament Finanzjarju ([7]), huwa meħtieġ li jiġi żgurat li s-STB tibqa' effiċjenti.

(3) Fil-perjodu interim, l-għan tas-STB għandu jibqa' l-istess fis-sustanza. Hija għandha tiżgura, fi ħdan il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi tagħha, iċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni ristretta permezz tar-reġistrazzjoni ta' twissijiet fis-STB dwar persuni li jistgħu jirrappreżentaw theddida għall-interessi u r-reputazzjoni finanzjarji tal-Unjonijew għal kwalunkwe fond ieħor ġestit mill-Unjoni.

(4) Minħabba li d-Diretturi tal-aġenziji eżekuttivi jgawdu status ta' uffiċjal awtorizzanti b'delegazzjoni tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, huma għandu jkollhom aċċess għas-STB bl-istess mod li għandhom is-servizzi tal-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-approprjazzjonijiet amministrattivi u operazzjoanli.

(5) Minħabba li l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni li jkunu qed jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega tal-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 56(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 għandhom l-istatus ta' uffiċjal awtorizzanti b'delega tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, dawn għandu jkollhom aċċess għas-STB bl-istess mod bħas-servizzi tal-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-approprjazzjonijeit amministrattivi u operazzjonali.

([1]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 78, 19.3.2008, p. 1.
([3]) ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1.
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014)2784 tat-30 ta' April 2014 dwar ir-Regoli Interni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (it-taqsima tal-Kummissjoni Ewropea) għall-attenzjoni tad-dipartimenti tal-Kummissjoni.
([5]) ĠU L 344, 20.12.2008, p. 12.
([6]) ĠU L 344, 20.12.2008, p. 125.
([7]) COM(2014)358 tas-18.6.2014.

(6) L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għandu l-obbligu, skont l-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 li jipprovdi informazzjoni mingħajr dewmien lis-servizzi tal-Kummissjoni kkonċernati dwar investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin fejn juru li jista' jkun xieraq li jittieħdu miżuri amministrattivi ta' prekawzjoni biex ikunu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 huwa għandu wkoll l-obbligu li jfassal rapport malli titlesta investigazzjoni u li jagħmel rakkomandazzjonijiet li jindikaw, fejn xieraq, kwalunkwe azzjoni li għandha tittieħed, b'mod partikolari mill-istituzzjonijiet. Sabiex l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jkun f'pożizzjoni li jitlob twissija, hu neċessarju li jiġi stabbilit liema informazzjoni l-OLAF għandu jressaq quddiem il-Kummissjoni.

(7) L-OLAF għandu jkollu aċċess għaSTB biex iwettaq il-kompiti ta' investigazzjoni regolatorja tiegħu u l-attivitajiet tiegħu ta' intelligence u l-prevenzjoni tal-frodi eżerċitati skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

(8) Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, il-funzjonament taS-STB għandu jiġi ssimplifikat, in-numru ta' kategoriji ta' twissija għandu jitnaqqas, l-ambitu tagħhom ċċarat u l-ismijiet tat-twissijiet għandhom ikunu awtospjegattivi.

(9) It-twissijiet ta' verifika bbażati fuq l-informazzjoni mibgħuta mill-OLAF għandom jiġu proposti mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli wara konsultazzjoni mad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit u s-Servizz Legali, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-OLAF.

(10) It-twissijiet ta' esklużjoni għandhom jiġu proposti mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli lill-Kummissjoni u għandhom jiġu ivvalutati b'mod ċentralizzat mid-Direttorat Ġenerali għall-baġit u s-Servizz Legali fejn xieraq. Meta dawn it-twissijiet ta' esklużjoni jiġu proposti fuq il-bażi ta' informazzjoni mibgħuta mill-OLAF, għandhom jiġu vvalutati b'kooperazzjoni mill-qrib mal-OLAF. L-istess proċedura għandha tapplika meta l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jkun fi ħsiebu jieħu kwalunkwe azzjoni li tista' taffettwa b'mod negattiv id-drittijiet tal-persuna kkonċernata.

(11) L-uffiċjal Awtorizzanti responsabbli għandu jiddeċiedi dwar il-konsegwenzi meħtieġa għall-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-OLAF u għandu jinfurma lill-OLAF dwar din id-deċiżjoni.

(12) L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli għandu jkun responsabbli mit-talba biex jiddaħħlu, jkunu modifikati jew jitneħħew jew jiġġeddu twissijiet. Sabiex jiġi ppreservat livell adegwat ta' kontroll, talbiet bħal dawn għandhom isiru fuq il-livell ġerarkiku stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014)2784.

(13) L-uffiċjal tal-kontabilità għandu jiżgura l-arranġamenti tekniċi xierqa għall-applikazzjoni effettiva tas-STB permezz tas-sistema ċentrali tal-kontabilità tal-Kummissjoni.

(14) Informazzjoni dettaljata dwar ordnijiet ta' rkupru u ordnijiet ta' sekwestru għandha tkun disponibbli għas-servizzi kollha tal-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi permezz tas-sistema ċentrali tal-kontabilità tal-Kummissjoni. It-twissijiet W3a (ordni ta' sekwestru) u W4 (ordni ta' irkupru) previsti skont id-Deċiżjoni 2008/969/KE, Euratom għandhom jieqfu. Din l-iformazzjoni waħedha ma tiġġustifikax twissija sistematikament. Dan jirrikjedi analiżi taċ-ċirkustanzi kollha fattwali tal-każ mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli sabiex jiddeċiedi jekk it-twissija hix meħtieġa jew le.

(15) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-dejta ([1]) jistipula li l-ipproċessar ta' dejta personali mill-Kummissjoni jrid jirrispetta r-rekwiżiti leġittimi tal-ipproċessar u r-rekwiżiti marbuta mat-trasferiment tad-dejta stabbiliti fih, u li dan l-ipproċessar huwa soġġett għal iċċekkjar minn qabel mill-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Dejta li jsegwi wara notifika mill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Dejta tal-Kummissjoni.

(16) Id-dispożizzjonijiet tal-protezzjoni tad-dejta għandhom jistipulaw x'inhuma d-drittijiet tal-persuni li d-dejta tagħhom hi jew tista' tkun imdaħħla fis-STB

(17) Ċerti drittijiet ta' protezzjoni tad-dejta huma soġġetti għal eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, li għandhom jitqiesu każ b'każ u li għandhom jiġu applikati fuq bażi temporanja. Is-servizz responsabbli għat-talba ta' dħul, il-modifika, inkluż retifika jew tneħħija ta' informazzjoni rilevanti għandu jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni ta' dawn l-eċċezzjonijiet.

([1]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

(18) Il-persuna li tkun soġġett ta' mandat ta' twissija ta' esklużjoni possibbli għandha tingħata l-opportunità li tesprimi l-fehmiet tagħha bil-miktub qabel issir it-talba ta' reġistrazzjoni ta' twissija dwar dik il-persuna fis-STB. L-istess opportunità għandha tingħata meta l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jkun fi ħsiebu jieħu kwalunkwe azzjoni li tista' taffettwa b'mod negattiv id-drittijiet tal-persuna kkonċernata.

(19) Din l-opportunità għandha tiġi eċċezzjonalment diferita sabiex tiġi ppreservata l-kunfidenzjalità tal-investigazzjoni jew tal-proċedimenti legali nazzjonali jekk ikun hemm raġunijiet leġittimi obbligatorji.

(20) Id-Deċiżjoni 2008/969/KE, Euratom għandha tibqa' tapplika sal-1 ta' Lulju 2015, sa fejn dan huwa neċessarju biex jiġi żgurat ir-rispett tar-regolamenti tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi, meħuda fuq il-bażi tal-Artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), sakemm il-kontabilità bbażata fuq id-dovuti (ABAC) tikkunsidra l-informazzjoni li tinsab fil-bażi tad-dejta tas-servizz responsabbli tal-Istrumenti tal-Politika Barranija. Din tieħu l-forma tar-reġistrazzjoni ta' twissija W5b imsemmija fid-Deċiżjoni 2008/969/KE, Euratom.

(21) Id-Deċiżjoni 2008/969/KE, Euratom għandha tibqa' tapplika għat-twissijiet W3a u W4 sal-1 ta' Lulju 2015, li sa dak iż-żmien għandhom ikunu assimilati ma' twissijiet ta' verifika għall-applikazzjoni tat-Taqsima 4 ta' din id-Deċiżjoni.

(22) L-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni teħtieġ valutazzjoni regolari tal-funzjonament tas-STB u l-kontribut effettiv tagħha għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

TAQSIMA 1

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett, ambitu u skop

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi Sistema ta' Twissija Bikrija ("STB") għall-użu mill-uffiċjali awtorizzanti tal-Kummissjoni u tal-aġenziji eżekuttivi meta dawn jimplimentaw il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u għal kull fond ieħor ġestit mill-Unjoni.

2. L-STB tikkontribwixxi għall-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u s-salvagwardja tal-immaġni tal-Unjoni, il-ġlieda kontra l-frodi u l-ġestjoni finanzjarja soda.

3. L-għan tas-STB huwa li:

(a) permezz ta' reġistrazzjoni ta' twissijiet tinforma lill-uffiċjali awtorizzanti responsabbli tal-Kummissjoni u tal-aġenziji eżekuttivi li persuna tista' tirrappreżenta theddida għall-interessi finanzjarji u l-immaġni tal-Unjoni jew għal kull fond ieħor ġestit mill-Unjoni; kif ukoll

(b) tippermetti lill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli li jagħmel verifiki jew jieħu miżuri xierqa, inklużi dawk imsemmija fit-Taqsima 4 abbażi ta' twissijiet.

4. L-informazzjoni tikkontribwixxi biex tiżgura:

(a) l-prevenzjoni tar-riskji permezz ta' mezzi ta' verifika abbażi ta' informazzjoni bikrija dwar persuna għal suspett jew sejbiet relatati ma' xi wieħed mill-atti li ġejjin:

— errur sostanzjali jew irregolarità;

— imġiba professjonali ħażina;

— ksur serju tal-kuntratt; jew

— frodi, korruzzjoni jew kull attività illegali ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 141 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1268/2012 ([1]);

([1]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1).

(b) L-esklużjoni ta' persuna skont l-Artikoli 106(1) u 109(1), tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 rigward ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (l-"FR").

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-deċiżjoni, jiġu applikati d-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "l-uffiċjal tal-kontabilità" tfisser l-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni jew membru subordinat tal-persunal li lilu l-uffiċjal tal-kontabilità jkun iddelega ċerti kompiti skont l-Artikolu 69 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012;

(b) "l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli" tfisser l-uffiċjal awtorizzanti b'delega tal-Kummissjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 65 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 responsabbli skont ir-regoli interni għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea (il-"baġit"), inklużi d-diretturi tal-aġenziji eżekuttivi, l-uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega skont it-tifsira tal-Artikolu 65 ta' dak ir-Regolament li jeżerċitaw il-funzjoni ta' direttur, u l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni li jkunu qed jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega tal-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 56(2) ta' dak ir-Regolament;

(c) "suġġett tad-dejta" tfisser persuna identifikabbli kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta;

(d) "riżultati" tfisser fatti stabbiliti misjuba matul l-implimentazzjoni ta' impenn legali, jew irreġistrati fil-kuntest ta' awditi jew investigazzjonijiet imwettqa mill-Qorti tal-Awdituri, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), mis-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) jew kull awditu jew kontroll ieħor li jsir taħt ir-responsabbiltà tal-uffiċjal awtorizzanti responsabbli;

(e) "impenn legali" ifisser impenn meħud mill-Kummissjoni fit-Titoli V sa VIII tal-Parti 1, u Parti 2 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012;

(f) "persuna" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew kwalunkwe persuna ġuridika jew kwalunkwe assoċjazzjoni mingħajr personalità ġuridika kif elenkati hawn taħt:

— riċevitur kif definit fl-Artikolu 2(i) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012,

— kandidat jew offerent,

— applikant għall-għotja,

— parteċipant f'kompetizzjoni bi premju

— espert estern remunerat skont l-Artikolu 204(i) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012,

— persuna b'setgħat ta' rappreżentanza, teħid ta' deċiżjonijiet jew kontroll fuq persuna ġuridika oħra msemmija fl-Artikolu 106(1)(b) u (e) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012;

(g) "imġiba ħażina professjonali" tfisser ksur ta' liġijiet jew regolamenti jew standards etiċi tal-professjoni li tappartjeni għaliha l-persuna, kif ukoll kwalunkwe aġir illegali li għandu impatt fuq l-kredibilità professjonali tagħha;

(h) "Subkuntrattur" tfisser operatur ekonomiku li huwa propost minn kandidat jew offerent jew kuntrattur biex iwettaq parti minn kuntratt, filwaqt li l-awtorità kontraenti m'għandha l-ebda impenn legali dirett miegħu;

(i) "errur sostanzjali jew irregolarità" tfisser errur sostanzjali jew irregolarità kif definiti fl-Artikolu 166(2) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1268/2012;

(j) "persuna ta' kuntatt tat-twissija" tfisser il-persuna fi ħdan is-servizz responsabbli għat-talba li hi inkarigata mill-fajl tat-twissija sakemm titneħħa;

Artikolu 3

Il-Funzjonament tas-STB

1. L-uffiċjal tal-kontabilità jiżgura l-arranġamenti tekniċi xierqa għal funzjonament effettiv tas-STBS u l-monitoraġġ tagħha.

L-uffiċjal tal-kontabilità jdaħħal, jimmodifika, iġedded jew ineħħi t-twissijiet tas-STB mitluba mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli.

2. L-uffiċjal tal-kontabilità jadotta miżuri ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw l-aspetti tekniċi u jiddefinixxi proċeduri assoċjati, inkluż fil-qasam tas-sigurtà.

L-uffiċjal tal-kontabilità javża lis-servizzi tal-Kummissjoni u lill-aġenziji eżekuttivi dwar dawn il-miżuri.

Artikolu 4

Is-setgħa li wieħed jitlob, jimmodifika, iġedded jew ineħħi twissija

1. Huma biss l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli li jistgħu jitlobu r-reġistrazzjoni, il-modifika, it-tiġdid jew it-tneħħija ta' twissija.

2. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jindirizzaw it-talba għar-reġistrazzjoni, il-modifika, it-tiġdid jew it-tneħħija ta' twissijiet lill-uffiċjal tal-kontabilità. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli juża l-formola stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

3. Il-persuna ta' kuntatt tat-twissija imsemmi fl-Artikolu 8 jivverifika li r-rekwiżiti tal-Artikoli 11 jew 12 jiġu ssodisfatti qabel ma jibgħat it-talba lill-uffiċjal tal-kontabilità.

Artikolu 5

Aċċess għas-STB

Is-servizzi tal-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi jkollhom aċċess dirett għall-informazzjoni li tinsab fis-STB permezz tas-sistema ċentrali ta' kontabilità pprovduta mill-Kummissjoni.

Is-servizz tal-Kummissjoni jew l-aġenzija eżekuttiva responsabbli għal sistema lokali jistgħu jużaw din is-sistema biex jiksbu aċċess għad-dejta maħżuna fis-STB, dment li tiġi garantita konsistenza fid-dejta bejn is-sistema lokali u s-sistema ċentrali ta' kontabilità.

Artikolu 6

L-użu tas-STB

Informazzjoni maħżuna fis-sistema ta' twissija bikrija tista' tintuża biss għall-iskop tal-implimentazzjoni tal-baġit jew ta' kwalunkwe fond ieħor ġestit mill-Unjoni. Dan m'għandux jaffettwa l-informazzjoni li tinsab fil-bażi tad-dejta ċentrali tal-esklużjoni (minn hawn' il quddiem "CED") imsemmija fl-Artikolu 1(2) u 1 (3) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1302/2008 ([1]).

L-OLAF jista' juża l-informazzjoni li tinsab fis-STB u CED għall-investigazzjonijiet tiegħu skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-OLAF u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 ("ir-Regolament OLAF"), u għall-attivitajiet ta' prevenzjoni tal-frodi, inkluż l-analiżi tar-riskji.

Artikolu 7

L-għażla ta' żmien tal-konsultazzjoni tas-STB

L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jivverifika jekk hemmx twissija fis-STB li tikkonċerna terzi persuni fl-istadji li ġejjin:

(a) qabel ma jiddaħħal impenn baġitarju individwali;

(b) qabel ma jiddaħħal impenn baġitarju globalijekk il-persuna tkun magħrufa f'dak l-istadju;

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 1302/2008 tas-17 ta' Diċembru 2008 dwar il-bażi tad-dejta ċentrali tal-esklużjoni (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 12).

(c) fil-każ ta' impenji baġitarji proviżorji, qabel ma jiġi konkluż l-impenn legali li jagħti lok għal intitolament ta' ħlasijiet sussegwenti sakemm ma jikkonċernawx il-ħlas tal-persunal u rimbors tal-ispejjeż tal-ivjaġġar relatati ma' parteċipazzjoni f'laqgħat u kompetizzjonijiet;

(d) fil-każ ta' proċeduri ta' akkwist jew għotja, kompetizzjonijiet bi premju u sejħiet għal espressjoni ta' interess, mhux aktar tard minn qabel id-deċiżjoni tal-għotja;

(e) fil-każ ta' akkwist, jekk l-awtorità kontraenti tillimita n-numru ta' kandidati mistiedna biex jissottomettu offerta, qabel l-għażla tal-kandidati tkun tlestiet;

(f) qabel kwalunkwe ħlas sakemm ma jikkonċernax il-ħlas tal-persunal u rimbors tal-ispejjeż tal-ivjaġġar relatati ma' parteċipazzjoni f'laqgħat u kompetizzjonijiet.

Artikolu 8

Persuna ta' kuntatt ta' twissija

Il-persuna ta' kuntatt ta' twissija għandha:

(a) tħejji t-talba għal reġistrazzjoni ta' twissija;

(b) tgħaddi t-talba u kwalunkwe informazzjoni oħra relatata mat-twissija lill-uffiċjal tal-kontabilità;

(c) tipprovdi l-informazzjoni li tippermetti lill-uffiċjali awtorizzanti responsabbli li jagħmel verifiki jew tiddeċiedi dwar il-konsegwenzi msemmija fit-Taqsima 4.

TAQSIMA 2

INFORMAZZJONI MDAĦĦLA fis-STB

Artikolu 9

Kategoriji ta' twissijiet

1. It-twissijiet tas-STB jinqasmu fiż-żewġ kategoriji li ġejjin:

(a) "twissijiet ta' verifika", meta persuna tkun suspettata jew soġġetta għal sejbiet ta' frodi, korruzzjoni jew kull attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 141 ta' Regolament Delegat (UE) Nru 1268/2012, ta' erruri sostanzjali jew irregolarità, ta' mġiba professjonali ħażina jew ta' ksur serju tal-kuntratt;

(b) "twissijiet ta' esklużjoni", fejn persuna hija eskluża skont il-motivi ta' esklużjoni previsti fl-Artikoli 106 (1) u 109 (1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

2. Persuna tista' tkun soġġetta għal twissijiet reġistrati distinti għal raġunijiet differenti.

Artikolu 10

Informazzjoni li tinsab fit-twissijiet tas-STB

It-twissijiet tas-STB jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identifikazzjoni tal-persuna;

(b) it-tip ta' twissija;

(c) it-tul ta' żmien tat-twissija;

(d) ir-raġunijiet li għalihom il-persuna tirrappreżenta theddida għall-interessi finanzjarji u l-immaġni tal-Unjoni jew għal kwalunkwe fond ieħor ġestit mill-Unjoni;

(e) l-informazzjoni relatata ma' proċedura kontradittorja;

(f) l-isem tal-uffiċjal awtorizzanti responsabbli;

(g) l-isem tal-persuna ta' kuntatt ta' twissija msemmija fl-Artikolu 8 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 11

Twissijiet ta' verifika

1. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista' jitlob twissija ta' verifika fejn tkun sodisfatta waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) L-OLAF ikun informa lill-uffiċċjal awtorizzanti responsabbli skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, meta l-investigazzjonijiet tiegħu juru li jista' jkun xieraq li jittieħdu miżuri biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni;

(b) il-Qorti Ewropea tal-Awdituri tkun għaddiet informazzjoni lill-Kummissjoni jew l-IAS tkun għaddiet informazzjoni lill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli li tindika frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 141 ta' Regolament Delegat (UE) Nru 1268/2012, jew erruri sostanzjali jew irregolarità, jew mġiba professjonali ħażina jew ta' ksur serju ta' kuntratt fir-rigward ta' persuna;

(c) l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jkun wettaq verifika, awditu jew kontroll li jindika frodi, korruzzjoni, kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 141 ta' Regolament Delegat (UE) Nru 1268/2012, erruri sostanzjali, irregolaritajiet jew kondotta professjonali ħażina jew ta' ksur serju ta' kuntratt fir-rigward ta' persuna jew ikun irċieva informazzjoni dwar tali verifika, awditu jew kontroll.

2. Twissija ta' verifika jkollha durata massima ta' sena. Hija titneħħa meta tintalab twissija ta' esklużjoni, jew meta ma jkunx hemm aktar bżonn ta' verifika.

3. Fi tmiem il-perjodu msemmi fil-paragrafu 2, it-twissija ta' verifika titneħħa awtomatikament

4. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista' jitlob it-tiġdid tat-twissija ta' verifika fejn l-OLAF jinformah li l-konklużjonijiet dwar l-investigazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għadhom ma ġewx ikkompilati iżda li l-investigazzjonijiet jiġġustifikaw iż-żamma ta' twissija ta' verifika. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista' wkoll jitlob it-tiġdid tat-twissija ta' verifika meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 (b) u (c), għadhom issodisfati.

5. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jipprovdi r-raġunijiet għaliex it-tiġdid huwa neċessarju għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji u l-immaġni tal-Unjoni.

6. Tiġdid ikun meqjus bħala talba ġdida għal twissija ta' verifika.

Artikolu 12

Twissijiet ta' esklużjoni

1. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jitlob twissija ta' esklużjoni għall-każijiet imsemmija fl-Artikolu 106(1) jew 109(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

2. It-twissija ta' esklużjoni titneħħa fi tmiem il-perjodu tal-esklużjoni.

3. It-twissija ta' esklużjoni tiddaħħal b'mod awtomatiku fis-CED mis-STB.

Artikolu 13

Informazzjoni trażmessa mill-OLAF

Meta l-OLAF jittrażmetti informazzjoni skont l-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 biex jassisti lill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli biex jiddeċiedi li jieħu miżuri ta' prekawzjoni biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea jew f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, din l-informazzjoni tinkludi:

(a) l-identità tal-persuna kkonċernata;

(b) sommarju tal-fatti rilevanti u tar-riskji identifikati mill-investigazzjoni. Is-sommarju jkun biżżejjed biex jippermetti l-persuna biex tinstema' b'mod effettiv skont l-Artikolu 16 ta' din id-Deċiżjoni;

(c) kwalunkwe miżuri speċjali ta' kunfidenzjalità rakkomandati f'każijiet partikolari li jinvolvu l-użu ta' miżuri investigattivi li jaqgħu fil-kompetenza ta' awtorità ġudizzjarja nazzjonali jew, fil-każ ta' investigazzjoni esterna, fil-kompetenza ta' awtorità nazzjonali, skont ir-regoli nazzjonali applikabbli għal investigazzjonijiet.

TAQSIMA 3

DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI GĦAR-REĠISTRAZZJONI TA' TWISSIJA

Artikolu 14

Konsultazzjoni minn qabel ta' servizzi ċentrali għal twissijiet ta' verifika

Qabel ma jiddeċiedi li jitlob reġistrazzjoni ta' twissija ta' verifika fuq il-bażi tal-informazzjoni mibgħuta mill-OLAF skont l-Artikoli 7(6) u 11 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jikkonsulta mad-Direttorat Ġenerali għall-Baġit (servizz finanzjarju ċentrali) u, fejn xieraq, is-Servizz Legali, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-OLAF f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

Artikolu 15

Valutazzjoni tat-twissijiet ta' esklużjoni mis-servizzi ċentrali

Qabel ma tintalab twissija ta' esklużjoni għall-każijiet imsemmija fl-Artikoli 106(1) (b), (c), (e) u Artikolu 109(1) proposta mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli u tul ta' żmien xieraq tagħha trid issir valutazzjoni ċentralizzata mid-Direttorat Ġenerali għall-Baġit u s-Servizz Legali. Meta t-twissija ta' esklużjoni proposta mill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli hija bbażata fuq informazzjoni mibgħuta mill-OLAF, din il-valutazzjoni ssir b'kooperazzjoni mill-qrib mal-OLAF.

Artikolu 16

Dritt tas-smigħ

1. Ir-reġistrazzjoni ta' twissijiet hija soġġetta għar-regoli li ġejjin:

(a) Kull meta l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jipprevedi li jitlob reġistrazzjoni ta' twissija ta' esklużjoni jew jikkunsidra li jieħu kwalunkwe azzjoni li tista' taffettwa b'mod negattiv id-drittijiet tal-persuna kkonċernata, huwa -ewwel jagħti lill-persuna kkonċernata l-opportunità li tesprimi l-opinjonijiet tagħha bil-miktub. l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jagħti lill-persuna mill-inqas 14-il jum kalendarju biex tagħmel dan. Fl-istess ħin, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jinforma lill-persuna li, fin-nuqqas ta' tweġiba, it-twissija tiġi rreġistrata.

Fejn ikun xieraq, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jagħti lill-persuna l-opportunità li tesprimi l-fehmiet tagħha fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-OLAF.

(b) Jekk il-persuna tippreżenta kummenti li ma jbiddlux il-valutazzjoni tal-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, dan tal-aħħar jitlob lill-uffiċjal tal-kontabilità biex jattiva t-twissija.

Jekk il-persuna tippreżenta kummenti li, fil-fehma tal-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, jrendu twissija sproporzjonata jew mhux neċessarja, it-twissija ma tkunx attivata u l-persuna tiġi mgħarrfa kif xieraq.

L-Uffiċjal tal-Kontabilità jikkonferma r-reġistrazzjoni tat-twissija fis-STB lill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, kif xieraq.

(c) L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jinnotifika lill-persuna bl-attivazzjoni tat-twissija u bit-tul tagħha. Madankollu, innotifika ma tkunx meħtieġa jekk il-persuna ma tweġibx għall-istedina biex tippreżenta l-kummenti tagħha bil-miktub.

2. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista' jitlob ir-reġistrazzjoni ta' twissija ta' esklużjoni għall-każijiet imsemmija fl-Artikolu 106(1)(e) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 sakemm tittieħed deċiżjoni dwar it-tul taż-żmien tal-esklużjoni, diġà qabel ma tingħata lill-persuna l-opportunità li tesprimi l-fehmiet tagħha. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jagħti lill-persuna l-opportunità li tippreżenta l-fehmiet tagħha dwar it-tul taż-żmien tal-esklużjoni.

3. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista' jitlob ir-reġistrazzjoni ta' twissija ta' esklużjoni għas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 106(1)(a) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 diġà qabel ma tingħata lill-persuna l-opportunità li tesprimi l-fhemiet tagħha jekk ikollha dokument uffiċjali li jistabbilixxi s-sitwazzjoni. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jinnotifika lill-persuna bir-reġistrazzjoni tat-twissija ta' esklużjoni.

4. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista', b'mod eċċezzjonali, jipposponi l-opportunità mogħtija lill-persuna li tesprimi l-fhemiet tagħha bil-miktub qabel it-talba għal reġistrazzjoni ta' twissija ta' esklużjoni jew qabel jieħu kwalunkwe azzjoni li tista' taffettwa b'mod negattiv id-drittijiet tal-persuna kkonċernata, sakemm hemm raġunijiet leġittimi obbligatorji li tiġi ppreservata l-kunfidenzjalità tal-investigazzjoni jew tal-proċedimenti legali nazzjonali filwaqt li jkompli jipproċedi bir-reġistrazzjoni tat-twissija.

5. Meta l-OLAF jinforma lill-uffiċjal awtorizzanti responsabbli skont l-Artikolu 13, huwa jindika jekk hux meħtieġ li tinżamm il-kunfidenzjalità tal-proċedura tal-investigazzjoni jew dik ta' proċediment ġudizzjarju nazzjonali u jekk hux meħtieġ li l-opportunità mogħtija lill-persuna li tesprimi l-opinjonijiet tiġi differita.

6. Il-persuna tingħata l-opportunità li tesprimi l-opinjonijiet tagħha hekk kif ir-raġunijiet għall-protezzjoni ta' investigazzjoni jew proċeduri legali nazzjonali ma jibqgħux jeżistu.

Artikolu 17

Il-protezzjoni tad-dejta u d-drittijiet tas-suġġetti tad-dejta

1. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jinforma lis-suġġetti tad-dejta li d-dejta dwarhom tista' tiġi inkluża fis-STB u li lil min id-dejta tista' tiġi kkomunikata. Din l-informazzjoni ġenerali tkun ikkomunikata bil-miktub, b'mod partikolari, fis-sejħiet għall-offerti, sejħiet għall-proposti, kompetizzjonijiet bi premju u fl-assenza ta' sejħiet, qabel ma jingħataw il-kuntratti jew l-għotjiet.

2. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli li jitlob ir-reġistrazzjoni ta' twissija jkun responsabbli għar-relazzjonijiet mal-persuna li d-dejta tagħha tiddaħħal fis-STB. Hu jwieġeb għal talbiet magħmula mill-persuna kkonċernata biex tiġi retifikata dejta personali mhux akkurata jew kompluta u għal kull talba jew mistoqsija oħra minn din il-persuna.

3. Persuna tista' wkoll titlob bil-miktub informazzjoni mingħand l-uffiċjal tal-kontabilità dwar jekk hiex irreġistrata fis-STB.

L-uffiċjal tal-kontabilità jipprovdi din l-informazzjoni sakemm l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, fejn addattat bi ftehim mal-OLAF, ma jiddeċiedix li japplikaw ir-restrizzjonijiet tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

4. It-twissijiet imneħħija jkunu aċċessibbli għall-finijiet ta' awditu u investigazzjoni biss u m'għandhomx ikunu viżibbli għall-utenti tas-STB.

Madankollu, id-dejta personali li jkun fihom it-twissijiet li jirreferu għal persuni fiżiċi tibqa' aċċessibbli għal dawn il-finijietgħal ħames snin biss wara li tkun tneħħiet it-twissija.

Artikolu 18

Rieżami tat-twissija

Jekk il-persuna li għaliha hija rreġistrata twissija fis-STB tipprovdi elementi ġodda li juru li r-raġunijiet għar-reġistrazzjoni ma għadhomx jeżistu, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jitlob it-tneħħija tat-twissija.

Il-persuna li għaliha twissija ta' esklużjoni hija rreġistrata fis-STB tista' tilmenta mal-Ombudsman u tfittex stħarriġ ġudizzjarju.

TAQSIMA 4

KONSEGWENZI TAT-TWISSIJIET

Artikolu 19

Regoli ġenerali li jirregolaw il-konsegwenzi

1. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jitlob kull informazzjoni rilevanti mill-persuna ta' kuntatt tat-twissija sabiex ikun jista' jiddeċiedi dwar il-konsegwenzi stabbiliti f'din it-taqsima.

2. Meta, fuq il-bażi tal-informazzjoni mogħtija mill-OLAF l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jitlob reġistrazzjoni ta' twissija ta' verifika skont l-Artikolu 11, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jsegwi l-proċedura stabbilita fl-Artikoli 14 jew 15 ta' din id-deċiżjoni u jiddeċiedi dwar il-konsegwenzi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-OLAF f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

3. Meta jkun qed jiddeċiedi dwar il-konsegwenzi, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jqis il-kriterji li ġejjin għat-twissijiet kollha:

(a) ir-riskji għall-interessi finanzjarji u l-immaġni tal-Unjoni;

(b) l-ammont u t-tul ta' żmien tal-impenn legali;

(c) l-urġenza fl-implimentazzjoni tal-impenn legali;

(d) in-natura tal-fatti;

(e) is-serjetà tal-fatti; kif ukoll

(f) il-konsegwenzi possibbli tal-implimentazzjoni tal-impenn legali;

Għat-twissijiet ta' esklużjoni, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jqis ukoll in-natura u l-gravità tan-nuqqas ta' raġunijiet għall-esklużjoni u l-ħtieġa ta' kontinwità tas-servizz.

4. L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli, f'kull każ, jiġġustifika d-deċiżjoni tiegħu dwar il-konsegwenzi bil-miktub.

Artikolu 20

Konsegwenza tat-twissijiet ta' verifika

1. Fil-każ ta' proċeduri ta' akkwist jew aġġudikazzjoni ta' għotja jew kompetizzjonijiet għall-premjijiet, il-verifika mseemmija tista' tkun dan li ġej:

(a) l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista' jitlob dokumenti ta' sostenn addizzjonali kif stabbilit fil-proċedura ta' akkwist jew aġġudikazzjoni ta' għotja jew kompetizzjonijiet għall-premjijiet;

(b) għal proċedura ta' għotja, analiżi tar-riskju relatata mal-prefinanzjament.

2. Fil-każ ta' impenn legali, il-verifika msemmija tista' tkun dan li ġej:

(a) verifika li l-azzjoni hija konformi mal-impenn legali, inkluż ir-rispett tal-iskadenzi u l-kontenut ta' riżultati tanġibbli;

(b) għal għotjiet eżistenti, il-verifika tal-eliġibbiltà tal-kostijiet qabel il-ħlas jew it-twettiq ta' awditjar jew kontrolli fuq il-post.

Artikolu 21

Id-dritt tas-smigħ wara twissija ta' verifika

Il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15 ta' din id-Deċiżjoni u d-dritt ta' smigħ stabbilit fl-Artikolu 16 ta' din id-Deċiżjoni japplika wkoll meta uffiċjal awtorizzanti responsabbli wara twissija ta' verifika jipprevedi li jieħu kwalunkwe azzjoni li tista' taffettwa b'mod negattiv id-drittijiet tal-persuna kkonċernata.

Artikolu 22

Konsegwenzi tat-twissijiet ta' esklużjoni dwar proċeduri u impenji legali

1. Fil-każ ta' proċeduri ta' akkwist jew aġġudikazzjoni ta' għotja jew kompetizzjonijiet bi premju, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jeskludi persuna soġġetta għal twissija ta' esklużjoni milli tipparteċipa fi proċeduri ta' akkwist jew għotja, sakemm il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 106(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 jiġu ssodisfati, meta persuna tkun f'sitwazzjoni ta' monopolju.

2. F'każ ta' impenji legali eżistenti, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jiddeċiedi dwar il-konsegwenzi, inkluż kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(a) li jipproċedi bl-implimentazzjoni tal-kuntratt jew tas-sussidju u jagħmel kull verifika xierqa;

(b) li jissospendi l-limitu ta' żmien għall-pagament f'konformità mal-Artikolu 92(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012;

(c) li jissospendi l-pagamenti f'konformità mal-Artikolu 208 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 1268/2012;

(d) li jissospendi l-implimentazzjoni tal-kuntratt jew għotja f'konformità mal-Artikoli 116 u 135(5) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012;

(e) li jittermina l-impenn legali jekk il-forniment tal-impenn legali jipprevedi t-terminazzjoni abbażi tal-informazzjoni li għaliha t-twissija kienet ġiet irreġistrata.

3. Jekk il-persuna hija subkuntrattur, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jitlob lill-offerent jew il-kandidat jew l-offerent biex jissostitwixxi s-sottokuntrattur.

Artikolu 23

Kosengwenzi tat-twissijiet ta' esklujoni fuq tranżazzjonijiet bażitarji

1. F'każ ta' twissija ta' esklużjoni, fejn ikun xieraq, l-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jikkonferma fis-sistema ta' kontabilità li l-ħlas għandu jsir minkejja l-eżistenza tat-twissija.

2. Fejn tkun irreġistrata twissija ta' esklużjoni, ma jsiru l-ebda impenn bażitarju, l-ebda reġistrazzjoni ta' impenn legali individwali fil-kontijiet bażitarji fuq il-bażi ta' impenn globali u l-ebda konklużjoni ta' impenn legali fuq il-bażi ta' impenn proviżorju, ħlief meta persuna tkun f'sitwazzjoni ta' monopolju skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 106(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

TAQSIMA 5

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 24

Tħassir

Id-Deċiżjoni 2008/969/KE, Euratom dwar is-Sistema ta' Twissijiet Bikrija għall-użu mill-uffiċjali awtorizzanti tal-Kummissjoni u tal-aġenziji eżekuttivi hija mħassra.

Artikolu 25

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. It-twissijiet ta' esklużjoni rreġistrati fid-Deċiżjoni 2008/969/KE, Euratom jibqgħu attivi sa tmiem it-tul tagħhom skont dik id-Deċiżjoni.

2. It-twissijiet W1, W2 u W3b rreġistrati skont id-Deċiżjoni 2008/969/KE, Euratom jitqiesu bħala twissijiet ta' verifika skont din id-Deċiżjoni.

3. It-twissijiet W3a u W4 jibqgħu jiġu rreġistrati sal-1 ta' Lulju 2015 skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni 2008/969/KE, Euratom. Għall-applikazzjoni tat-Taqsima 4 ta' din id-Deċiżjoni, it-twissijiet W3a u W4 jitqiesu bħala twissijiet ta' verifika skont din id-Deċiżjoni. Id-Deċiżjoni 2008/969/KE, Euratom tkompli tapplika għat-twissijiet W5b sal-1 ta' Lulju 2015.

Artikolu 26

Pubblikazzjoni

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2014.

Għall-Kummissjoni
Kristalina GEORGIEVA
Viċi President

ANNESSI

FORMOLA STANDARD

Talba minn uffiċjal awtorizzanti responsabbli għal dħul ta' dejta fis-Sistema ta' Twissija Bikrija (EWS) jew tal-Bażi tad-Dejta Ċentrali tal-Esklużjoni (CED), il-modifikazzjoni jew tneħħija tagħha, biex tindirizza lill-uffiċjal tal-kontabilità:

NB: rikjesta waħda għal kull twissija

Suġġett: Talba għal [reġistrazzjoni/tneħħija/modifikazzjoni ta' twissija fil-bażi tad-dejta ċentrali ta' esklużjoni/EWS

Isem l-Uffiċjal:

Isem il-persuna ta' kuntatt imwissija:

Talba għal

☐ reġistrazzjoni ta' twissija

☐ tneħħija ta' twissija ([1]) li l-introduzzjoni tagħha intalbet permezz ta' avviż Ares [xx], datat:

☐ modifikazzjoni ta' twissija ([2]) (inkluż it-tiġdid ta' reġistrazzjoni eżistenti) li l-introduzzjoni tagħha intalbet permezz ta' avviż Ares [xx], datat:

rigward il-persuna li ġejja:

Isem (u, fejn il-persuna hija persuna naturali, l-isem mogħti) tal-persuna:

Forma ġuridika (jekk entità ġuridika):

Isem, isem tal-persuna(i) b'poter ta' rappreżentazzjoni tal-persuna ġuridika:

Indirizz (jekk persuna ġuridika, l-indirizz tal-kwartieri ġenerali): it-triq/in-nru./il-kodiċi postali/il-post/il-pajjiż

L-informazzjoni marbuta mal-Fajl tal-Entitajiet Ġuridiċi (LEF):

☐ Din l-entità diġà teżisti fl-LEF taħt it-tast(i) li ġejjin: 6 .....

☐ Ir-rikjesta għall-validazzjoni ta' din l-entità fl-LEF diġà saret.

Qed nehmeż l-iskrin ABAC stampat tar-rikjesta li saret, li għandha t-tast li ġej (normalment tibda bl-"ABC"): .....
Hu mehmuż dokument ta' appoġġ għall-validazzjoni tar-rikjesta.

☐ Ir-rikjesta tikkonċerna l-entità li ma teżistix fl-LEF u li l-informazzjoni fuqha ġejja minn awtorità jew korp tal-implimentazzjoni skont l- Artikolu 108(2) u (3) tar-Regolament Finanzjarju (mehmuż).

---

1) Nitlob introduzzjoni tat-twissija li ġejja:

☐ **twissija ta' verifikazzjoni għar-raġunijiet li ġejjin:**

Jekk meħtieġ, indika referenza għal konsultazzjoni mad-DĠ BUDG u, fejn xieraq, is-servizz legali:

☐ **Esklużjoni skont ir-Regolament Finanzjarju (RF)**

☐ **Artikolu 106 (1) a FR**

☐ **Artikolu 106 (1) b FR**

Indika d-denominazzjoni tal-qorti li tat is-sentenza li għandha l-forza ta' *res judicata*:

Indika d-data tas-sentenza li għandha l-forza ta' *res judicata*: *JJ/XX/SSSS*

([1]) Timliex it-taqsimiet 1 sa 4.
([2]) Imla t-taqsimiet kollha, mhux biss dik li tirrigwarda r-rikjesta għal modifikazzjoni.

Indika r-referenza għall-valutazzjoni tal-LS u d-DĠ BUDG:

Indika r-referenza għall-proċedura kontradittorja:

☐ **Artikolu 106 (1) c FR**

Indika r-referenza għall-valutazzjoni tal-LS u d-DĠ BUDG:

Indika r-referenza għall-proċedura kontradittorja:

☐ **Artikolu 106 (1) d FR**

Indika r-referenza għall-proċedura kontradittorja:

☐ **Artikolu 106 (1) e FR**

Indika r-referenza għall-valutazzjoni tal-LS u d-DĠ BUDG:

Indika r-referenza għall-proċedura kontradittorja:

Indika d-denominazzjoni tal-qorti li tat is-sentenza li għandha l-forza ta' *res judicata*:

Indika d-data tas-sentenza li għandha l-forza ta' *res judicata*: *JJ/XX/SSSS*

☐ **Artikolu 106 (1) f FR (Penali tal-Artikolu 109 (1) FR)**

Indika r-referenza għall-valutazzjoni tal-LS u d-DĠ BUDG:

Indika r-referenza għall-proċedura kontradittorja u r-referenza għad-deċiżjoni tal-AOR u data:

2) Deskrizzjoni tar-raġunijiet għat-tlaba ta' twissija [1]**:**

3) Reġistrazzjoni tat-tul ta' żmien [2]**:**

Niċċertifika li l-informazzjoni kkomunikata kienet stabbilita u trażmessa skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tad-dejta personali.

[Firma tal-persuna awtorizzata li titlob introduzzjoni, tneħħija jew modifikazzjoni tat-twissija]

Kopja:

---

[1] Fejn ma tkunx tista' tingħata deskrizzjoni skont ir-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità, indika: "mhux żvelat".

[2] It-tul ta' żmien tal-esklużjoni skont l-Artikolu 106(1) punti b), c), e), f) tar-Regolament Finanzjarju għandu jiġi deċiż mill-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni skont it-tifsira tal- Artikolu 2 tad-Deċiżjoni dwar is-sistema ta' twissija bikrija. It-tul ta' żmien tal-esklużjoni skont l-Artikolu 106(1) punti a) u d) tar-Regolament Finanzjarju għandu jiġi rreġistrat għal perjodu massimu ta' 5 snin.